32004D0881

L 373/44 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA’ L-UNJONI EWROPEA* 21.12.2004

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tad-29 ta’ Novembru 2004

## dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta’ iskambju ta’ ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċile li għandha x'taqsam ma' emendi għall-Appendiċi I tal-Ftehim fuq il-kummerċ ta’ spirti u xorb aromatizzat tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u r-Repubblika taċ-Ċile, min-naħa l-oħra, in vista tat-tkabbir

(2004/881/KE)

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/979/KE tat-18 ta’ Novembru 2002 fuq il-firma u l-applikazzjoni proviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u r-Repubblika taċ-Ċile, min-naħa l-oħra[1], u b’mod partikolari l-Artikolu 5(2) tagħha,

Billi:

(1) In vista tat-tkabbir, huwa meħtieġ li jiġi emendat l-Appendiċi I, Taqsima A tal-Ftehim fuq spirti u xorb aromatizzat tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u r-Repubblika taċ-Ċile, min-naħa l-oħra, sabiex jitħarsu t-termini ġodda ta’ l-ispirti alkoħoliċi ta’ l-Istati Membri ġodda b’effett mill-1 ta’ Mejju 2004.

(2) Il-Komunità u r-Repubblika taċ-Ċile għalhekk innegozjaw, bi qbil ma’ l-Artikolu 16(2) tal-Ftehim hawn fuq imsemmi, ftehim fil-forma ta’ skambju ta’ ittri biex jemendaw l-Appendiċi I. Taqsima A. Dan il-iskambju ta' ittri għandu għalhekk jiġi approvat.

(3) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Implimentazzjoni għall-Ispirti.

[1] ĠU L 352, 30.12.2002, p. 1.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċile li jemenda l-Appendiċi I, Taqsima A tal-Ftehim fuq il-kummerċ ta' spirti u xorb aromatizzat tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u r-Repubblika taċ-Ċile, min-naħa l-oħra, huwa b'hekk approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-Kummissarju ta' l-Agrikoltura huwa b'hekk awtorizzat li jiffirma l-iskambju ta' ittri sabiex tintrabat il-Komunità.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Novembru 2004.

*Għall-Kummissjoni*
*Mariann FISCHER BOEL*
*Membru tal-Kummissjoni*